MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' April, 2008

Numru 270/2008

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

Herbert Carmel Vassallo ta’ 36 sena iben Francis u Carmela nee’ Farrugia mwieled ir-Rabat fit-2 ta’ Settembru 1971 u residenti Hermar Flat 1 Triq Mons A Buhagiar Rabat, ID 360571M

U

Anton Galea ta’ 21 sena iben Mario u Annunziata nee’ Gauci mwieled Pieta fl-24 ta’ Awissu 1986 u residenti 49 Triq l-Imtarfa, Mtarfa, ID 389486M

U

Shawn Farrugia ta’ 20 sena iben Emanuel u Irene nee’ Buhagiar mwieled Pieta fil-11 ta’ Gunju 1987 u residenti 48 Triq Antonio Nani Rabat, ID 269487M.

U

Charles Grima ta’ 29 sena iben Alfred u Grace nee’ Vella mwieled Pieta nhar il-25 ta’ Settembru 1978 u residenti Binja San David, Flat 10 Triq l-Mtarfa, Mtarfa, ID 475878M

Akkużati talli nhar il-31 ta’ Marzu, 2008 ġewwa Triq San Pawl fir-Rabat Malta bejn l-9.45 pm u l-10.00 pm

1. Attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti u cioe fuq il-persuni ta’ PC 1112 George Buhagiar, PC 580 Ishmael Mercieca u PC 317 Paul Louis Attard ai terminu ta’ l-artikoli 92 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjaw u heddu jew ghamlu offizi fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe fuq il-persuni ta’ l-istess ufficjali tal-pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellfu gieh jew billi inaqqa gieh ta’ l-ufficjali tal-pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq billi b’kitba b’disinji jew b’xi mod iehor immalafamajthom u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

4. U iktar talli fl-istess data, lok, h in u cirkostanzi hebbew ghall-istess ufficjali pubblici imsemmija sabiex jingurjawhom jew jaghmlu hsara lill-istess ufficjali pubblici u dan ai termini ta’ l-Artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

5. U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-pulizija jew ma hallewhom jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lil membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li bil-ligi kienu ordnait li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u dan ai terminu ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, hin,lok u cirkostanzi volontarjament kisru il-buon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qalu kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha u dan ai termini ta' l-artikolu 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**U lil Charles Grima wahdu talli**

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrifjuta li jghati, lill-ufficjali pubblici jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghodu u partikularitajiet ohra, skond l-artikolu 338(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rema, tefa' jew xort'ohra iddeposita f'post gewwa post jew minn xi post fil-berah li l-pubbliku ghandu dritt jew jista' jidhol fih minghajr hlas u halla xi haga tkun li tkun f'cirkostanzi tali li jikkagunaw, jikkontribwixxu, jew li jista' jwassal ghal tkerrih biz-zibel u skart ta' xi post fil-berah, kemm-il darba dak id-depozitu u t-thollija ma jkunux awtorizzati b'ligi skond l-artikolu 3 tal-Kap 206 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens kemm ta' l-Avukat Ġenerali kif ukoll ta' l-imputati sabii dawn il-proċeduri jkunu sommarji kif ukoll l-ammissjoni ta' l-imputati għall-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħhom.

Huma kkonfermaw din l-ammissjoni wara li ngħata ħin adegwat sabiex jaħsbuha tajjeb.

Rat ukoll il-verbal li fih il-Prosekuzzjoni u d-Difiża ddikjaraw li l-fatti li seħħew jaqgħu taħt l-artikolu 95 biss tal-Kap 9 u mhux taħt l-artikolu 96.

Semgħet ukoll lil-imputati jiskużaw ruħhom mat-tliet Pulizija msemmija fl-ewwel imputazzjoni li kienu preżenti fl-Awla u li stqarrew li kienu qed jaċċettaw din l-iskuża.

Stante li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, dawn huma meqjusa bħal ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 92, 96, 95(2) , 252, 339(d), 338(ee), 338(dd), u 342 tal-Kap 9 u fil-konfront taż Charles Grima waħdu, barra mill-artikoli msemmija l-artikoli 17(f) u338(g) tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 3 tal-Kap 206 issib lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom fil-parametri ta' l-artikolu 95 (2) b'eċċezzjoni ta' l-imputazzjoni numru 8 (għaliex din teknikament mhix eċċezzjoni) u mhux ta' l-artikolu 96 tal-Kap 9 u fil-każ ta' Charles Grima ta' l-imputazzjonijiet li jaqgħu taħt l-artikolu 338(g) tal-Kap 9 u l-artikolu 3 tal-Kap 206 ukoll barra ta' l-imputazzjonijiet msemmija qabel u bl-assorbiment ta' l-imputazzjonjiet li jidhru mmarkati 2, 3, 4, 5, 6, 7 fl-ewwel imputazzjoni u fil-każ ta' Charles Grima bl-assorbment ta' l-imputazzjoni mmarkata numru 9 iżda mhux dik immarkata bil-lapis numru 10 (stante li kellu jsir re-numbering għaliex il-Prosekuzzjoni kienet irtirat l-imputazzjoni numru 8).

Il-Qorti wara li qieset l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati, il-fatt li l-Pulizija involuti ddikjaraw li ħadd minnhom ma kien fiżikament imweġġa' kif ukoll l-apoloġija li saret u li kient milqugħa mill-Pulizija, qed tikkundanna lill-imputati Herbert Carmel Vassallo, Anton Galea u Shawn Farugia jħallsu multa ta' 466 Ewro kull wieħed u lil Charles Grima jħallas multa ta' 633 Ewros. Dawn il-multi jistgħu jitħallsu b'rati ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum jew qabel. Jekk xi pagament

ma jitħallasx, il-bilanċ irid jitħalls f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros mhux imħallsin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------